# Ir-Rabta tiegħi mal-Kappella ta' Santa Marija

Minn Alfred Massa

■ Barra l-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Marija Annunzjata, f'Ħal Tarxien għandna ħames knejjes (jew kappelel) oħra; fosthom insibu dik ta' Santa Marija, imlaqqma "Tar-Rokna", forsi għax imdaħħla kemm kemm 'il ġewwa mit-triq fejn tinsab. Hija knisja ħelwa li jien fi tfuliti u f'żgħożiti kelli rabtiet speċjali magħha.

***Ftit Storja:***

■ Għal min ma jafx - jew għal dawk li mhumiex midħla tar-raħal tagħna - din hija kappella antika ħafna. Infatti, skond rapport magħmul mill-Isqof Cagliares, din inbniet għal ħabta ta' l-1415 minn ċerta Duminka Azzopardi mill-Birgu. Jingħad ukoll li din l-armla għanietha b'ċerti renti. Fl-1909 mbagħad, meta Dun Frangisk Penza kien prokuratur tagħha, barra li żejjinha b'diversi opri, waqqa' l-faċċata oriġinali li kienet tinsab fi stat ħażin ħafna u bena dik li naraw illum.

Titwila ġewwa, bla dubju ta' xejn, għajnejna jmorru fuq il-kwadru titulari ta' Marija Mtellgħa s-Sema, xogħol li sar fl-1771 u li bosta jattribwuh lill-artist bravu, Rocco Buhagiar (1725-1805). Madwar il-kwadru hemm daqsxejn ta' faċċata tal-ġibs verament sabiħa, li kienet inżebgħet l-aħħar minn Ċikku Zammit, missier Dun Anton Zammit.

Fuq ix-xellug, hemm altar laterali bi kwadru dedikat lill-Madonna tar-Rużarju u taħtu wieħed jara ieħor f'forma ovali ta' San Spiridjun li flimkien ma' l-istatwa tal-ġebel ta' l-Assunta li hemm bejn il-kampnari jingħad li huma xogħol Mastru Francesco Faurè (1849 - 1915).

Artistiku wkoll huwa l-kurċifiss ta' l-avorju li jinsab ġo niċċa tal-kewba fuq il-lemin ta' l-altar maġġur. Ta' interess partikolari huma ż-żewġ kwadri żgħar *ex voto* li aktarx ingħataw lill-kappella minn xi ħadd li qala' grazzja kbira mingħand il-Madonna. Darba persuna qaltli li kien hemm aktar minn dawn il-kwadri, imma ħadd ma jaf x'sar minnhom. F'nofs il-knisja hemm midfun ċertu Lorenzo Bugeja, li miet fid-19 ta' Marzu 1800; dan Bugeja kien wieħed mill-akbar benefatturi tagħha.



***Santa Marija u missieri:***

■ Sa minn żgħożitu missieri kien jieħu ħsieb din il-kappella u baqa' jieħu ħsiebha tista' tgħid sa ma miet. Jiena niftakru jqatta' ħinijiet twal fiha, mhux biss meta kienet tasal il-festa, imma kważi s-sena kollha. Ma kinetx tgħaddi ġurnata, ngħidu aħna, li ma kienx imur jixgħel il-lampier tar-ramm imdendel quddiem l-altar maġġur. Dak iż-żmien kienu jużaw iż-żejt u ċ-ċimblori. Il-kappella kienet tkun dejjem miftuħa fuq ir-rixtellu tal-ħadid biex kulmin kien jgħaddi minn hemm seta' jtiha titwila u jsellem b'talba żgħira lill-Madonna.

Tajjeb li ngħid illi dak iż-żmien (fil-ħamsinijiet), kien jitla' Ħal Tarxien minn Raħal Ġdid, il-Kan. Dun Alwig Cilia. Dan is-saċerdot kien iqaddes fil-knisja parrokkjali. Imma xi drabi kien iqaddes ukoll fil-kappella ta' Santa Marija. Mhux l-ewwel darba li kien iħajjar lin-nies ituh xi quddies biex jitqaddes f'din il-kappella. Sadattant, ġieli kien jitla' kmieni biex ikun dispost għall-qrar ukoll.

Tajjeb li wieħed ikun jaf, li fil-kappella kien isir quddies f'diversi ġranet matul is-sena, speċjalment f'festi kbar bħall-Milied, l-Għid il-Kbir u l-Għid ta' l-Imwiet. Dan barra quddies ieħor, fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar u quddies tal-wegħdi. B'hekk il-kappella kienet tinżamm

Għal paġna 62...

miftuħa regolarment. Mhux l-ewwel darba anqas, li fl-ewwel Sibt tax-xahar jien stess kont immur ngħid ir-Rużarju tard wara nofsinhar.

Kienu jsiru anke konferenzi minn membri tal-Museum u fi żmien ir-Randan l-istess membri kienu jfissru r-rakkont tal-Passjoni u ssir il-Via Sagra. Dawn barra irtiri u laqgħat oħra. In-nies ta' l-inħawi kienet tattendi regolarment. Niftakar meta missieri kien żied qanpiena mat-tlieta li kien hemm; din kienet saret fil-fonderija tal-Marsa wara li ddewbu tnejn li kienu imkissra. Dak inhar tat-tberik tagħha mill-Kappillan Dun Anton Rapa, il-pjazzetta ta' quddiem il-kappella kienet ippakkjata bin-nies (ara ritratt).



kien hemm stampat bit-Taljan fi kwadru li kien imdendel mal-ħajt wara l-bieb prinċipali.

Imbagħad fil-ġimgħa tal-festa missieri u jien konna nibdew l-armar; id-damask, il-linef, l-altari, eċċ. Peress li x-xogħol li kien jagħmel missieri kien apprezzat ħafna min-nies ta' l-inħawi, meta kienet toqrob xi festa partikolari xi nisa kienu jiġu jaħslu u jnaddfu l-kappella. Sadattant, ftit jiem qabel il-15 ta' Awissu, missieri kien iħajjar 'l ommi tħejji xi żewġ kejkijiet, filwaqt li hu kien imur għand Beneditt (li kellu fabbrika ċkejkna tal-luminata fi Triq Birżebbuġa) u jixtri żewġ kaxxi luminata; Beneditt kien dejjem jagħtih oħra *gratis*. Hekk kif kienu jintemmu l-*vespri* ta' nhar il-festa, ħalli għal missieri jqassam il-biċċiet tal-kejk u xi tazza luminata lill-qassisin u lil min kien jinzerta jkun preżenti.

***Il-Festa:***

■ Il-festa kienet tibda ħmistax qabel bil-kwidiċina; jiġifieri fit-30 ta' Lulju. Filgħodu kien ikun hemm quddiesa kuljum u wara nofsinhar kien jingħad ir-Rużarju u t-talba skond il-ġurnata li tkun. Dan it-talb kien isir skond ma

***Sajjetta fil-bnazzi:***

■ Lejla waħda ċemplet il-qanpiena tad-dar u missieri mar jara min kien inqala'. Sab lil







Ġużeppi Dalli s-Sagristan.

"Karm," qallu jlaqlaq, "il-kappillan irid iċ-ċwievet ta' Santa Marija".

"X'inqala?" kien pront staqsieh missieri mfantas.

"Ma nafx. Imma talabni nitlobhomlok."

"Hawn, ħudhom," wieġbu missieri b'mod spontanju u fl-istess ħin imbellah.

Naħseb dak il-lejl missieri m'għalaqx għajn ma' għajn daqskemm ħadha bi kbira. Ma setax jifhem x'kien hemm wara dik il-mossa tal-kappillan. Kif wieħed jista' jissoponi, l-għada wara li ġie mix-xogħol, missieri trejjaq ftit u telaq jgħaġġel għal għand il-kappillan Rapa. Dam naqra ma ġie u ommi ħabtet tinkwieta. Meta smajna l-antiporta tingħalaq ġrejna nistaqsuh x'kien ġara.

"Xejn speċjali. Il-kappillan ħa għalih għax qal lil Santa Marija għamilthielu parroċċa," qalilna b'nifsu maqtugħ u aħmar daqs skorfna.

In-nies ta' l-inħawi tfanstu mhux ftit meta missieri fissrilhom x'kien ġara u kien hemm min saħansitra mar jilmenta mal-kappillan. Fil-fatt, ftit ġimgħat wara ċ-ċwievet reġgħu lura għand missieri, imma bil-patt u l-kundizzjoni li jnaqqas mill-attivitajiet li kien jorganizza fil-kappella. Grazzi għal nies bħal Ġużeppi Debono u Grabiel Mercieca fil-kappella wasal ukoll l-elettriku għax qabel kien hemm biss żewġ lampi tal-gass. Tajjeb ngħid ukoll, li sa minn xahar qabel jien u xi tfal oħra konna nħejju għadd ta' fjakkoli biex tul il-kwindiċina konna nixegħluhom fil-faċċata. Saru opri oħra u għalkemm il-funzjonijiet naqsu; b'danakollu, n-nies xorta baqgħet tersaq għal kull sejħa li kienet issirilha.

### *Għeluq*

■ Iżda t-tmiem tar-rabta bejn missieri u Santa Marija kien resaq bħal ħalliel. Saħħet missieri ħadet daqqa 'l isfel meta kien għad kellu 66 sena. Il-marda serja li ħakmitu ħaditu jiltaqa' mal-Madonna wiċċ imb'wiċċ fil-21 ta' Diċembru 1974. Għeluq ix-xahar minn mewtu f'dik l-istess kappella li tant kienet għal qalbu, il-Kappillan Dun Anton Rapa qaddes quddiesa għal ruħu. Wara missieri ġew oħrajn li ħadu ħsieb Santa Marija; fosthom Frans Dalli u Ġużeppi Cutajar. Dawn ukoll taw sehemhom biex din l-kappella tinżamm fl-aħjar stat possibbli. Jiena sadattant rari ersaqt 'l hemm biex immidd idejja kif għamilt tant drabi fl-imgħoddi. Imma Santa Marija xorta waħda baqgħet f'qalbi u kull meta ngħaddi minn quddiemha, għadni sal-lum, barra milli nġedded ċerti memorji, inlissen talba ċkejkna lill-Madonna. Kultant meta naraha miftuħa ma nissaportix ma ntiħiex titwila waqt li ninħakem minn nostalġija li tnissel f'għajnejja demgħa sħuna.